Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0825(COD)

11.12.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għall-iskoperturi tat-titolizzazzjoni
(COM(2025)0825 – C10-0119/2025 – 2025/0825(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Ralf Seekatz

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 36

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għall-iskoperturi tat-titolizzazzjoni (COM(2025)0825 – C10-0119/2025 – 2025/0825(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0825),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0119/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Novembru 2025[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Settembru 2025[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 5

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex tiġi prevista sensittività akbar għar-riskju fil-qafas tat-titolizzazzjoni, filwaqt li jinżamm trattament regolatorju prudenti, jeħtieġ li tiġi aġġustata, taħt l-approċċ SEC-IRBA, il-formula għall-fattur (p) sabiex jitnaqqas il-livell minimu u jitnaqqas il-fattur ta' gradazzjoni, u li jiġi introdott limitu massimu għall-fattur (p), prinċipalment għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ***tal-istituzzjonijiet ta' kreditu oriġinaturi/sponsors***. Għall-istess raġuni, skont l-approċċ SEC-SA, jeħtieġ li jitnaqqas il-fattur (p), għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri jenħtieġ li jkunu minimi, sabiex tiġi evitata s-sottokapitalizzazzjoni ta' dawn il-pożizzjonijiet. ***Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet tal-investituri f'titolizzazzjonijiet mhux STS u f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri ta' titolizzazzjonijiet STS jenħtieġ li jkunu minimi, peress li dawk il-pożizzjonijiet ma għandhomx riskji mnaqqsa tal-aġenzija u tal-mudell.***	(5) Sabiex tiġi prevista sensittività akbar għar-riskju fil-qafas tat-titolizzazzjoni, filwaqt li jinżamm trattament regolatorju prudenti, jeħtieġ li tiġi aġġustata, taħt l-approċċ SEC-IRBA, il-formula għall-fattur (p) sabiex jitnaqqas il-livell minimu u jitnaqqas il-fattur ta' gradazzjoni, u li jiġi introdott limitu massimu għall-fattur (p), prinċipalment għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri. Għall-istess raġuni, skont l-approċċ SEC-SA, jeħtieġ li jitnaqqas il-fattur (p), għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri. Il-bidliet fil-fattur (p) għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux superjuri jenħtieġ li jkunu minimi, sabiex tiġi evitata s-sottokapitalizzazzjoni ta' dawn il-pożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni ***u fuq bażi kontinwa wara din id-data***. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni	(6) Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ***sintetika*** jkunu reżiljenti jekk it-titolizzazzjoni tissodisfa sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà fid-data tal-oriġinazzjoni. Dan is-sett ta' kriterji ta' eliġibbiltà jiżgura l-protezzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***sintetika*** u jtaffi r-riskji tal-

superjuri u jtaffi r-riskji tal-aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni reżiljenti jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi ***għall-ponderazzjoni*** tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. ***Il-pożizzjonijiet tal-investituri li huma istituzzjonijiet ta' kreditu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS jenħtieġ li ma jitħallewx jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis ulterjuri, peress li ma humiex ikkaratterizzati minn riskju mnaqqas tal-aġenzija u tal-mudell.***	aġenzija u tal-mudell. Tali pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ***sintetika*** reżiljenti, ***kif ukoll pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tradizzjonali***, jenħtieġ li jibbenefikaw minn tnaqqis addizzjonali fil-limiti minimi ***għall-piż*** tar-riskju u fil-fattur (p), meta mqabbla ma' pożizzjonijiet ta' ***titolizzazzjoni sintetika*** li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza fil-qafas prudenzjali wara r-rikalibrazzjoni tar-rekwiżiti tal-kapital għal titolizzazzjonijiet ta' kwalità għolja, it-trattament tal-bonds koperti jenħtieġ li jiġi aġġustat kif xieraq. Il-bonds koperti juru profil ta' riskju konsistentement robust minħabba s-salvagwardji strutturali u l-qafas regolatorju tagħhom. Iż-żamma ta' bilanċ xieraq bejn it-trattament prudenzjali tal-bonds koperti u t-titolizzazzjonijiet hija meħtieġa biex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq mhux intenzjonati u biex jiġi ppreżervat il-funzjonament tas-suq tal-bonds koperti bħala sors ewlieni ta' finanzjament stabbli.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 129 – paragrafu 4 – tabella 1

Test fis-seħħ						
Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	***10 %***	20 %	20 %	50 %	50 %	100 %
Emenda						
Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	***5 %***	20 %	20 %	50 %	50 %	100 %

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 242 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
(6) "pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri" tfisser pożizzjoni bil-punt ta' attakkament 'il fuq minn K_{IRB} jew K_A u appoġġata jew garantita mill-ewwel pretensjoni fuq l-iskoperturi sottostanti kollha, li tinjora, għal dawn il-finijiet, l-ammonti dovuti fl-ambitu ta' kuntratti tar-rati tal-imgħax jew tad-derivattivi tal-muniti, miżati jew pagamenti simili oħrajn, u irrispettivament minn kwalunkwe differenza fil-maturità ma'	

segment superjuri wieħed jew aktar li magħhom dik il-pożizzjoni tikkondividi telf prorata;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda li tintroduċi K(IRB) u K(A) bħala limiti għandha titneħħa, peress li din tikklassifika mill-ġdid ħafna pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri bħala mhux superjuri, iżżid il-piżijiet tar-riskju b'mod sproporzjonat u toħloq inkonsistenzi bejn it-trattament regolatorju u d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet, u b'hekk ikollha impatt serju fuq is-suq Ewropew tat-titolizzazzjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 2 jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Fil-każ ta' riċevibbli tan-negozju, il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ma japplikax meta r-riskju tal-kreditu ta' dawk ir-riċevibbli tan-negozju jkun kopert b'mod sħiħ mill-protezzjoni tal-kreditu eliġibbli b'konformità mal-Kapitolu 4, dment li l-fornitur tal-protezzjoni jkun istituzzjoni, ditti tal-investiment, impriża tal-assigurazzjoni jew impriża tar-riassigurazzjoni."

Or. en

(Regolament (UE) Nru 575/2013)

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda raġuni għaliex din l-eċċezzjoni tapplika biss għall-ABCP. Il-banek li jiffinanzjaw pożizzjoni bħal din fuq il-karta bilanċjali tagħhom stess jieħdu eżattament l-istess riskju, għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod u għalhekk għandha tapplika l-istess eċċezzjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Pożizzjoni superjuri f'titolizzazzjoni STS għandha tkun eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 260(2), fl-Artikolu 262(2)***, fl-Artikolu 264(2a) u fl-Artikolu 264(3a)*** meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:	3. Pożizzjoni superjuri f'titolizzazzjoni STS għandha tkun eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 260(2) ***u*** fl-Artikolu 262(2) ***fejn it-titolizzazzjoni hija titolizzazzjoni tradizzjonali, pożizzjonijiet ABCP, jew titolizzazzjoni sintetika***, meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin ***fid-data ta' oriġinazzjoni***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-klassifikazzjoni għandha ssir fil-ħin tal-istrutturar jew fil-bidu tat-terminu tat-tranżazzjoni. Valutazzjoni mill-ġdid kontinwa matul il-ħajja tat-tranżazzjoni tista' twassal għal volatilità sinifikanti fir-rekwiżiti tal-kapital tas-segment superjuri, u b'hekk tnaqqas sostanzjalment l-inċentiv biex tintuża din il-kategorija.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal pożizzjoni fi programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP:	***imħassar***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rekwiżiti tal-Artikolu 243(1)	***imħassar***

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fid-data tal-oriġinazzjoni u fuq bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem, il-punt ta' attakkament tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri jiġi ddeterminat kif ġej: ***$A >= 1,5 * K_A$, meta jintuża s-SEC-SA jew is-SEC-ERBA, jew*** ***A >= 1,1 * (EL * WAL tal-portafoll titolizzat ta' referenza inizjali + UL), meta jintuża s-SEC-IRBA.***	***imħassar***

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għajr fi programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP:	***imħassar***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 3 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) fid-data tal-oriġinazzjoni ***u fuq bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem***, il-punt ta' attakkament tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri jiġi ddeterminat kif ġej:	(f) fid-data tal-oriġinazzjoni, il-punt ta' attakkament tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri huwa ddeterminat kif ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-klassifikazzjoni għandha ssir fil-ħin tal-istrutturar jew fil-bidu tat-terminu tat-tranżazzjoni. Valutazzjoni mill-ġdid kontinwa matul il-ħajja tat-tranżazzjoni tista' twassal għal volatilità sinifikanti fir-rekwiżiti tal-kapital tas-segment superjuri, u b'hekk tnaqqas sostanzjalment l-inċentiv biex tintuża din il-kategorija.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 3 – punt f – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
A >= ***1,5*** * K_A, meta jintuża s-SEC-SA ***jew is-SEC-ERBA***, jew	A >= ***1,1*** * K_A, meta jintuża s-SEC-SA, jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Il-limitu propost ta' 1,5 * K(A) għar-reżiljenza tas-segment superjuri huwa konservattiv iżżejjed u jista' jipprevjeni lil titolizzazzjonijiet sintetiċi ta' kwalità għolja milli jikkwalifikaw.*

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri f'titolizzazzjoni mhux STS għandha tkun eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 259(1b)***,*** fl-Artikolu 261(1b), ***fl-Artikolu 263(2a) u fl-Artikolu 263(3a) meta jiġu ssodisfati*** r-rekwiżiti li ġejjin***,*** fid-data tal-oriġinazzjoni ***u fuq bażi kontinwa minn hemm 'il quddiem***:	4. Pożizzjoni superjuri f'titolizzazzjoni mhux STS għandha tkun eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 259(1b) ***u*** fl-Artikolu 261(1b) ***fejn it-titolizzazzjoni hija titolizzazzjoni tradizzjonali, inklużi pożizzjonijiet ABCP, jew titolizzazzjoni sintetika li tissodisfa*** r-rekwiżiti li ġejjin fid-data ta' oriġinazzjoni:

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 4 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għal titolizzazzjoni fil-karta bilanċjali:***	***imħassar***

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 4 – punt a – punt 3 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
A >= ***1,5*** * K_A, meta jintuża s-SEC-SA ***jew is-SEC-ERBA***, jew	A >= ***1,1*** * KA, meta jintuża s-SEC-SA, jew

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 4 – punt a – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) il-pożizzjoni ma hijiex pożizzjoni ta' investitur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għal programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP:	***imħassar***
(1) ir-rekwiżiti tal-Artikolu 24(17), punt (b) fir-Regolament (UE) 2017/2402;	
(2) il-punt ta' attakkament tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri huwa ddeterminat kif ġej:	
A >= 1,5 * K_A, meta jintuża s-SEC-SA jew is-SEC-ERBA, jew	
A >= 1,1 * (EL * WAL tal-portafoll titolizzat ta' referenza inizjali + UL), meta jintuża s-SEC-IRBA;	
(3) ir-rekwiżiti tal-Artikolu 243(1), punt (b) ta' dan ir-Regolament;	
(4) il-pożizzjoni ma hijiex pożizzjoni ta' investitur;	

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 243 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għal titolizzazzjoni tradizzjonali mhux ABCP:	***imħassar***
(1) ir-rekwiżiti tal-Artikolu 21(4), punt (b), u tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402;	
(2) il-punt ta' attakkament tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri huwa ddeterminat kif ġej:	
A >= 1,5 * K_A, meta jintuża s-SEC-SA jew is-SEC-ERBA, jew	
A >= 1,1 * (EL * WAL tal-portafoll titolizzat ta' referenza inizjali + UL), meta jintuża s-SEC-IRBA;	
(3) ir-rekwiżit tal-Artikolu 243(2), punt (a) ta' dan ir-Regolament; il-pożizzjoni ma hijiex pożizzjoni ta' investitur.	

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 244 – paragrafu 7 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-objettiv ta' dawk l-istandards tekniċi regolatorji għandu jkun li jtejbu ċ-ċarezza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjoni tat-trasferiment sinifikanti tar-riskju ta' kreditu, filwaqt li jżommu l-

proporzjonalità u l-effiċjenza operazzjonali għall-entitajiet superviżati. Meta tiżviluppa dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tiżgura li, fil-każijiet kollha, dawk l-istandards ma jirriżultawx f'żieda materjali fil-piż superviżorju għall-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tat-trasferiment ta' riskju sinifikanti (SRT) għandu jissimplifika u jiċċara l-proċess mingħajr ma jżid il-piż superviżorju, u jevita kumplessità jew inċertezza addizzjonali.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 259 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
p = min (***1, max [0,3***; 0,7 *(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*MT)]) għal ***skopertura tal-oriġinatur jew tal-isponsor għal*** pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri, jew	p = min (***0,5, max [0,25;*** 0,7 *(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*MT)]) għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri, jew

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 259 – paragrafu 1a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri kkalkulat	1a. L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***sintetika*** kkalkulat

f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal livell minimu kkalkulat kif ġej:	f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal livell minimu kkalkulat kif ġej:

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 259 – paragrafu 1a – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Limitu minimu = ***max (12 %; 15 %*** * K_{IRB}*12,5)	Limitu minimu = ***min (15 %; max (12 %; 12 %*** * K_{IRB}*12,5)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formula għal-limitu minimu tal-piż tar-riskju għas-segment superjuri għandha tinkludi limitu massimu sabiex jiġi żgurat li l-portafolli mmirati ma jiġux penalizzati meta mqabbla mal-qafas attwali.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 259 – paragrafu 1b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 1 ***li jikkonforma*** mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 243(4) għandu jkun soġġett għal livell minimu kkalkulat kif ġej:	1b. L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***sintetika*** kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 1***u li jikkonforma*** mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 243(4)***, jew għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri tradizzjonali,*** għandu jkun soġġett għal livell minimu kkalkulat kif ġej:

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 259 – paragrafu 1b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Limitu minimu = ***max (10 %; 15 %*** * K_{IRB}*12,5).;	Limitu minimu = ***min (15 %; max (10 %; 12 %*** * K_{IRB}*12,5)***)***;

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 260 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
p = min (***0,5,*** max ***[0,2;*** 0,3*(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*M_T)]) għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***tal-oriġinatur jew tal-isponsor***	p = min (***0,25,*** max [***0,1***; 0,3*(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*M_T)]) għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-differenzjazzjoni bejn l-oriġinaturi/l-isponsors u l-investituri mhijiex ġustifikata, peress li t-tnejn jinvolvu ruħhom fl-istess tranżazzjoni ekonomika u għandhom l-istess għarfien dwar it-tranżazzjonijiet. It-trattament tal-investituri b'mod differenti jwassal għal rekwiżiti tal-kapital inkonsistenti u potenzjalment ogħla mingħajr raġuni ekonomika.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 260 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
p = min (***0,5, max [0,2***; 0,5*(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*M_T)]) għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux superjuri ***tal-oriġinatur jew tal-isponsor***	p = min (***0,25, max [0,1***; 0,5*(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*M_T)]) għal pożizzjoni mhux superjuri

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-differenzjazzjoni bejn l-oriġinaturi/l-isponsors u l-investituri mhijiex ġustifikata, peress li t-tnejn jinvolvu ruħhom fl-istess tranżazzjoni ekonomika u għandhom l-istess għarfien dwar it-tranżazzjonijiet. It-trattament tal-investituri b'mod differenti jwassal għal rekwiżiti tal-kapital inkonsistenti u potenzjalment ogħla mingħajr raġuni ekonomika.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 260 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
p = min (0,5, max [0,3; 0,5*(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*M_T)]) ***għal pożizzjonijiet oħra***	***imħassar***

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 260 – paragrafu 1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limitu minimu ***għall-ponderazzjoni*** tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni	Il-limitu minimu ***għall-piż*** tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***sintetika = min (10 %; max (7 %; 7 % ***

superjuri = ***max (7 %; 10 % * K_{IRB}****12,5)**.*	***K_{IRB}****12,5)***)***

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 260 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Skont is-SEC-IRBA, il-ponderazzjoni tar-riskju għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(3) għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 259, soġġett għall-modifiki li ġejjin:	
p = min (0,5, max [0,2; 0,3*(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*MT)]) għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri tal-oriġinatur, tal-isponsor jew tal-investitur	
p = min (0,5, max [0,2; 0,5*(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*MT)]) għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux superjuri tal-oriġinatur jew tal-isponsor	
p = min (0,5, max [0,3; 0,5*(A + B*(1/N) + C*K_{IRB} + D*LGD + E*MT)]) għal pożizzjonijiet oħra	
Il-limitu minimu ***għall-ponderazzjoni*** tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri = max (***5 %; 10 %*** * K_{IRB}*12,5).;	Il-limitu minimu ***għall-piż*** tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***STS sintetika konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(3), jew il-limitu minimu tal-piż tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri STS tradizzjonali, għandu jkun soġġett għal limitu minimu kkalkulat kif ġej:*** ***Limitu minimu = min (10 %;*** max (***4 %; 7 %*** * K_{IRB}*12,5).;

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a – punt 2
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 261 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li ma hijiex skopertura ta' rititolizzazzjoni, ***p = 0,6*** għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***ta' oriġinatur jew sponsor***; 1 għal ***pożizzjoni*** ta' titolizzazzjoni ***oħra.***;	Għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li mhijiex skopertura ta' rititolizzazzjoni, ***p = 0,3*** għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***kkalkulata skont dan il-paragrafu li hija:*** ***(i) titolizzazzjoni sintetika li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(4); jew*** ***(ii) titolizzazzjoni tradizzjonali***; ***p = 0,5 għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri sintetika oħra;*** ***p*** = 1 ***għall-pożizzjonijiet*** ta' titolizzazzjoni ***l-oħra kollha***;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 261 – paragrafu 1a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal livell minimu kkalkulat kif ġej:	1a. L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***sintetika*** kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal livell minimu kkalkulat kif ġej:

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 261 – paragrafu 1a – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Limitu minimu = ***max (12 %; 15 %*** * K_A*12,5).	Limitu minimu = ***min (15 %; max (12 %; 12 %*** * K_A*12,5)***)***.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 261 – paragrafu 1b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 1 ***li jikkonforma*** mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(4) għandu jkun soġġett għal livell minimu kkalkulat kif ġej:	1b. L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***sintetika*** kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 1***u li jikkonforma*** mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(4)***, jew l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri tradizzjonali,*** għandu jkun soġġett għal livell minimu kkalkulat kif ġej:

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 261 – paragrafu 1b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Limitu minimu = ***max (10 %; 15 % *** K_A*12,5).;	Limitu minimu = ***min (15 %; max (10 %; 12 %*** * K_A*12,5)***)***.;

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 261 – paragrafu 2 – subparagrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"Għall-fini tal-formula tal-limitu minimu stabbilita fil-paragrafi 1a u 1b: ***$K_A = K_{SA}$ * (1-w)+w*0,12.";***

Or. en

(Regolament (UE) Nru 575/2013)

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 262 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Skont is-SEC-SA, ***il-ponderazzjoni*** tar-riskju għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS għandu jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 261, soġġett għall-modifiki li ġejjin:	1. Skont is-SEC-SA, ***il-piż*** tar-riskju għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS ***sintetika*** għandu jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 261, soġġett għall-modifiki li ġejjin:

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 262 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
p = ***0,3*** għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***tal-oriġinatur jew tal-isponsor***	p = ***0,25*** għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 262 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
il-limitu minimu ***għall-ponderazzjoni*** tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri = ***max*** (***7 %; 10 % * K_A****12,5).	il-limitu minimu ***għall-piż*** tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri = ***min*** (***10 %; max (7 %; 7 % * K_A****12,5).

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 262 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Skont is-SEC-SA, ***il-ponderazzjoni*** tar-riskju għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(3) ***għandha tiġi kkalkulata*** f'konformità mal-Artikolu 261, soġġett għall-modifiki li ġejjin:	2. Skont is-SEC-SA, ***il-piż*** tar-riskju għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS ***sintetika*** konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(3) ***jew il-ponderazzjoni tar-riskju għal titolizzazzjoni STS tradizzjonali għandu jiġi kkalkulat*** f'konformità mal-Artikolu 261, soġġett

għall-modifiki li ġejjin:

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 262 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
p = ***0,3*** għal għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ***tal-oriġinatur, tal-isponsor jew tal-investitur***	p = ***0,25*** għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 262 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
limitu minimu ***għall-ponderazzjoni*** tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri = max (***5 %; 10 %*** * K_A*12,5).;	il-limitu minimu ***għall-piż*** tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri = ***min*** (***10 %;*** max (***4 %; 7 %*** * K_A*12,5)***)***.;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 262 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-iskop tal-kalkolu tal-limitu minimu tal-piż tar-riskju stabbilit fil-paragrafu 1 u f'dan il-paragrafu, K_A fil-formula tal-limitu minima hija
	$K_A = K_{SA} * (1-w)+w*0,12.$

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 263 – paragrafu 2 – tabella 1 – kolonna 2 – linja 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Segment superjuri:	Segment superjuri:
max (12 %; 15 % *KA*12,5)	***10 %***
Segment mhux superjuri: 15 %	Segment mhux superjuri: 15 %

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 263 – paragrafi 2a u 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:	***imħassar***
"2a. Għal pożizzjoni f'segment superjuri b'CQS1 f'titolizzazzjoni li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(4), il-piż tar-riskju għandu jiġi kkalkulat kif ġej:	
max (10 %; 15 % * K_A*12,5)	

2b. Meta istituzzjoni ma tkunx tista' tuża l-formula stabbilita fit-Tabella 1 jew fil-paragrafu 2a, minħabba li ma tkunx tista' tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta' 15 % għall-iskopertura rilevanti.";

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 263 – paragrafu 3 – tabella 2

Test propost mill-Kummissjoni						
Skala tal-kwalità kreditizja	Segment superjuri, ***pożizzjoni tal-oriġinatur jew tal-isponsor***		***Segment superjuri, pożizzjoni tal-investitur***		Segment (irqiq) mhux superjuri	
	Maturità tas-segment (M_T)		***Maturità tas-segment (M_T)***		Maturità tas-segment (M_T)	
	Sena	5 snin	***Sena***	***5 snin***	Sena	5 snin
1	***Max (12 %; 15 % * K_A*12,5)***		***Max (12 %; 15 % * K_A*12, 5)***	***20 %***	15 %	70 %
2	***Max (12 %; 15 % * K_A*12, 5)***	***18 %***		***30 %***	15 %	90 %
3	17 %	24 %	***25 %***	***40 %***	30 %	120 %
4	18 %	29 %	***30 %***	***45 %***	40 %	140 %
5	24 %	34 %	***40 %***	***50 %***	60 %	160 %
6	34 %	45 %	***50 %***	***65 %***	80 %	180 %
7	40 %	46 %	***60 %***	***70 %***	120 %	210 %
8	51 %	62 %	***75 %***	***90 %***	170	260

					%	%
9	62 %	73 %	***90 %***	***105 %***	220 %	310 %
10	80 %	96 %	***120 %***	***140 %***	330 %	420 %
11	124 %	140 %	***140 %***	***160 %***	470 %	580 %
12	140 %	160 %	***160 %***	***180 %***	620 %	760 %
13	176 %	201 %	***200 %***	***225 %***	750 %	860 %
14	230 %	256 %	***250 %***	***280 %***	900 %	950 %
15	286 %	312 %	***310 %***	***340 %***	1050 %	1050 %
16	348 %	388 %	***380 %***	***420 %***	1130 %	1130 %
17	424 %	465 %	***460 %***	***505 %***	1250 %	1250 %
L-oħrajn kollha	1250 %	1250 %	***1250 %***	***1250 %***	1250 %	1250 %

Emenda

Skala tal-kwalità kreditizja	Segment superjuri		Segment (irqiq) mhux superjuri	
	Maturità tas-segment (M_T)		Maturità tas-segment (M_T)	
	Sena	5 snin	Sena	5 snin
1	***10 %***		15 %	70 %
2	***10 %***	***15 %***	15 %	90 %
3	17 %	24 %	15 %	90 %
4	18 %	29 %	30 %	120 %
5	24 %	34 %	40 %	140 %
6	34 %	45 %	60 %	160 %
7	40 %	46 %	80 %	180 %
8	51 %	62 %	120 %	210 %
9	62 %	73 %	170 %	260 %

10	80 %	96 %	220 %	310 %
11	124 %	140 %	330 %	420 %
12	140 %	160 %	470 %	580 %
13	176 %	201 %	620 %	760 %
14	230 %	256 %	750 %	860 %
15	286 %	312 %	900 %	950 %
16	348 %	388 %	1050 %	1050 %
17	424 %	465 %	1130 %	1130 %
L-oħrajn kollha	1250 %	1250 %	1250 %	1250 %

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt d
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 263 – paragrafi 3a u 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:	***imħassar***
“3a. Għall-pożizzjoni mill-oriġinatur jew mill-isponsor f’segment superjuri b’CQS1 jew CQS2 b’maturità tas-segment ta’ sena, f’titolizzazzjoni li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(4), il-piż tar-riskju għandu jiġi kkalkulat kif ġej:	
max (10 %; 15 % * K_A*12,5)	
3b. Meta istituzzjoni ma tkunx tista’ tuża l-formula stabbilita fit-Tabella 2 jew fil-paragrafu 3a, minħabba li ma tkunx tista’ tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta’ 15 % għall-iskopertura rilevanti.”;	

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafu 2 – tabella 3 – kolonna 2 – linja 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Segment superjuri:	Segment superjuri:
Max (7 %; 10 % *KA*12,5)	***5 %***
Segment mhux superjuri:	Segment mhux superjuri:
10 %	10 %

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafi 2a u 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:	***imħassar***
“2a. Għal pożizzjoni f’segment superjuri b’CQS1 f’titolizzazzjoni li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(3), il-piż tar-riskju għandu jiġi kkalkulat kif ġej:	
Max (5 %; 10 % * K_A*12,5)	
2b. Meta istituzzjoni ma tkunx tista’ tuża l-formula stabbilita fit-Tabella 3 jew fil-paragrafu 2a, minħabba li ma tkunx tista’ tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta’ 10 % għall-iskoperturi rilevanti.”;	

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafu 3 – tabella 4

Test propost mill-Kummissjoni						
Skala tal-kwalità kreditizja	Segment superjuri ***(pożizzjoni tal-oriġinatur jew tal-isponsor, jew ta' investitur f'titolizzazzjoni konformi mal-Artikolu 243(3))***		***Segment superjuri (pożizzjonijiet oħrajn tal-investitur)***		Segment (irqiq) mhux superjuri	
	Maturità tas-segment (M_T)		***Maturità tas-segment (M_T)***		Maturità tas-segment (M_T)	
	Sena	5 snin	***Sena***	***5 snin***	Sena	5 snin
1	***Max (7 %; 10 % * K_A*12,5)***		***Max (7 %; 10 % * K_A*12,5)***		15 %	40 %
2	***Max (7 %; 10 % * K_A*12, 5)***	10 %	***Max (7 %; 10 % * K_A*12, 5)***	***15 %***	15 %	55 %
3	10 %	12 %	***15 %***	***20 %***	15 %	70 %
4	10 %	16 %	***15 %***	***25 %***	25 %	80 %
5	12 %	20 %	***20 %***	***30 %***	35 %	95 %
6	20 %	28 %	***30 %***	***40 %***	60 %	135 %
7	23 %	28 %	***35 %***	***40 %***	95 %	170 %
8	31 %	38 %	***45 %***	***55 %***	150 %	225 %
9	38 %	45 %	***55 %***	***65 %***	180 %	255 %
10	47 %	58 %	***70 %***	***85 %***	270 %	345 %
11	106 %	118 %	***120 %***	***135 %***	405 %	500 %

12	118 %	138 %	***135 %***	***155 %***	535 %	655 %
13	150 %	174 %	***170 %***	***195 %***	645 %	740 %
14	207 %	229 %	***225 %***	***250 %***	810 %	855 %
15	258 %	280 %	***280 %***	***305 %***	945 %	945 %
16	311 %	351 %	***340 %***	***380 %***	1015 %	1015 %
17	383 %	419 %	***415 %***	***455 %***	1250 %	1250 %
L-oħrajn kollha	1250 %	1250 %	***1250 %***	***1250 %***	1250 %	1250 %

Emenda

Skala tal-kwalità kreditizja	Segment superjuri		Segment (irqiq) mhux superjuri	
	Maturità tas-segment (M_T)		Maturità tas-segment (M_T)	
	Sena	5 snin	Sena	5 snin
1	***5 %***		15 %	40 %
2	***5 %***	10 %	55 %	90 %
3	10 %	12 %	70 %	90 %
4	10 %	16 %	80 %	120 %
5	12 %	20 %	95 %	140 %
6	20 %	28 %	135 %	160 %
7	23 %	28 %	170 %	180 %
8	31 %	38 %	225 %	210 %
9	38 %	45 %	255 %	260 %
10	47 %	58 %	345 %	310 %
11	106 %	118 %	500 %	420 %
12	118 %	138 %	655 %	580 %
13	150 %	174 %	740 %	760 %
14	207 %	229 %	855 %	860 %

15	258 %	280 %	945 %	950 %
16	311 %	351 %	1015 %	1050 %
17	383 %	419 %	1250 %	1130 %
L-oħrajn kollha	1250 %	1250 %	1250 %	1250 %

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 264 – paragrafi 3a u 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiżdiedu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:	***imħassar***
"3a. Għal pożizzjoni f'segment superjuri b'CQS1 jew CQS2 b'maturità tas-segment ta' sena, f'titolizzazzjoni li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243(3), il-piż tar-riskju għandu jiġi kkalkulat kif ġej:	
Max (5 %; 10 % * K_A*12,5)	
3b. Meta istituzzjoni ma tkunx tista' tuża l-formula stabbilita fit-Tabella 4, minħabba li ma tkunx tista' tikkalkula l-K_A, għandu japplika piż tar-riskju ta' 10 % għall-iskopertura rilevanti.";	

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 506d – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [***4*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-EBA, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u d-dinamika ġenerali tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-idoneità u l-effettività tal-qafas ta' titolizzazzjoni prudenzjali tal-Unjoni, inkluż dwar il-finanzjament tal-ekonomija reali, filwaqt li tiddistingwi bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS, u bejn metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju.	Sa [***5*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-EBA, għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u d-dinamika ġenerali tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni, u tirrapporta dwar l-idoneità u l-effettività tal-qafas ta' titolizzazzjoni prudenzjali tal-Unjoni, inkluż dwar il-finanzjament tal-ekonomija reali, filwaqt li tiddistingwi bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż bejn titolizzazzjonijiet sintetiċi, tradizzjonali u NPE, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS, u bejn metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Emenda għad-Direttiva 2009/65/KE
	Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:
	Fl-Artikolu 56(2), jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (b), UCITS tista' takkwista mhux aktar minn 70 % tat-titoli f'titolizzazzjoni maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402 minn korp emittenti uniku fejn tali pożizzjonijiet ikunu f'titolizzazzjonijiet pubbliċi kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (32), ta' dak ir-Regolament."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitu ta' investiment ta' 10 % tal-UCITS fuq titoli ta' dejn ta' emittent wieħed huwa restrittiv iżżejjed għat-titolizzazzjonijiet tal-UE, u jrażżan id-domanda tal-investituri u jillimita t-tkabbir tas-suq. Il-bidla proposta twessa' l-aċċess tal-investituri, ittejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq, u tappoġġa l-iżvilupp ta' suq Ewropew tat-titolizzazzjoni aktar profond, aktar reżiljenti u inklużiv. . L-emenda tipproponi limitu ta' 70 % jekk il-pożizzjonijiet ikunu f'titolizzazzjoni pubblika. Madankollu, jeħtieġ li ssir valutazzjoni aktar dettaljata ta' tali limitu abbażi ta' data suffiċjenti.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur jappoġġja l-objettiv tal-Kummissjoni li tagħti ħajja ġdida lis-suq Ewropew tat-titolizzazzjoni. L-inizjattiva għandha l-għan li treġġa' lura l-fiduċja tas-suq, ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-ekonomija reali, u tippromwovi t-tkabbir sostenibbli tas-suq kapitali madwar l-Unjoni. B'mod partikolari, tfittex li trawwem suq tat-titolizzazzjoni li jiffunzjona tajjeb u sostenibbli li jappoġġja l-finanzjament għan-negozji madwar l-Ewropa.

Wara l-kriżi finanzjarja, is-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE ċkien b'mod sinifikanti. Dak iż-żmien, l-introduzzjoni ta' rekwiżiti stretti kienet rispons neċessarju u xieraq biex tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, regoli wisq konservattivi minn dakinhar fixklu l-iżvilupp tas-suq, u żammewh milli jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu.

Ir-rapporteur huwa mħasseb li l-proposta tal-Kummissjoni tista' ma tilħaqx bis-sħiħ l-objettivi ambizzjużi tagħha. L-għan ewlieni għandu jkun li tiġi żgurata adegwatezza akbar tar-riskju fil-qafas regolatorju filwaqt li jissaħħaħ il-finanzjament tal-ekonomija reali. Il-kunċett propost ta' "pożizzjonijiet reżiljenti" jintroduċi kumplessità addizzjonali, li tista' xxekkel it-tkabbir tas-suq f'ċerti segmenti jew ikollha effett ta' tnaqqis ġenerali.

Minħabba li l-qafas tat-titolizzazzjoni jirrappreżenta inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, l-Unjoni Ewropea ma tiflaħx għal dewmien eċċessiv fl-implimentazzjoni tiegħu. Għal din ir-raġuni, it-tneħħija tal-kunċett reżiljenti mhijiex proposta. B'aġġustamenti xierqa, sensittività msaħħa għar-riskju tista' tipprovdi valur miżjud għal partijiet speċifiċi tas-suq. Madankollu, ir-rapporteur jidentifika dgħufijiet ewlenin fl-approċċ propost u jibqa' mħasseb li l-kunċett jista' ma jaħdimx b'mod effettiv għall-parteċipanti kollha fis-suq.

Il-kunċett ta' titolizzazzjoni reżiljenti introdott fis-CRR ġie żviluppat primarjament għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta bilanċjali, bil-għan li jippermetti piżijiet ta' riskju aktar baxxi u sensittività akbar għar-riskju. B'diversi modifiki, il-kunċett ta' reżiljenza jista' jiffunzjona b'mod adegwat għal titolizzazzjonijiet sintetiċi, iżda mhuwiex adattat għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali.

Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi diversi simplifikazzjonijiet għal titolizzazzjonijiet sintetiċi. Il-prijorità ewlenija għandha tkun it-tnaqqis tal-kumplessità, peress li l-Kummissjoni introduċiet wisq kategoriji għall-kalkolu tal-piżijiet tar-riskju. Dan iżid l-ostakli għad-dħul fis-suq għal banek iżgħar u jnaqqas aktar l-attraenza tat-titolizzazzjoni bħala għodda ta' finanzjament. Is-simplifikazzjoni tal-approċċ tappoġġja parteċipazzjoni usa' u tnaqqas l-ostakli bla bżonn għal dawk li jidħlu fis-suq.

It-titolizzazzjonijiet tradizzjonali huma għodda vitali u stabbilita sew għall-finanzjament tal-ekonomija reali u joffru l-akbar potenzjal għat-tkabbir tas-suq. L-introduzzjoni ta' kategorija addizzjonali sensittiva għar-riskju ta' pożizzjonijiet reżiljenti għas-SEC-ERBA li diġà tinkorpora grad għoli ta' sensittività għar-riskju, bi klassifikazzjonijiet li jirriflettu l-prestazzjoni storika, il-kwalità tal-portafoll, l-aspettattivi tas-suq, il-fatturi makroekonomiċi, u l-karatteristiċi strutturali żżid kumplessità bla bżonn mingħajr ma ssaħħaħ id-differenzjazzjoni tar-riskju u ma taffettwa b'mod sproporzjonat lill-parteċipanti fis-suq bi prestazzjoni storikament qawwija. Il-kunċett reżiljenti għat-titolizzazzjonijiet tradizzjonali għandu jitneħħa. Minflok, il-kategorija STS stabbilita sew għandha tissaħħaħ, u s-segmenti superjuri STS kollha

tat-titolizzazzjonijiet tradizzjonali għandhom jiġu ttrattati bħala "reżiljenti". Iż-żamma ta' żewġ approċċi distinti ma toħloqx kundizzjonijiet mhux ugwali jew tifframmenta s-suq, peress li mudelli esterni diġà jipprovdu sensittività suffiċjenti għar-riskju.

Barra minn hekk, il-kunċett "reżiljenti" propost jidher li huwa kalibrat prinċipalment għal titolizzazzjonijiet sintetiċi bl-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq formula. Konsegwentement, ma jakkomodax b'mod adegwat il-karatteristiċi speċifiċi ta' SEC-ERBA ABS ta' kwalità għolja.

Biex jiġi żgurat li r-rikalibrazzjoni tar-rekwiżiti tal-kapital tagħti valur miżjud ġenwin aktar milli sempliċement effetti ridistributtivi, trid tidħol b'mod koerenti fil-qafas usa' tar-regoli prudenzjali, b'mod partikolari rigward il-bonds koperti. F'dan il-kuntest, iż-żamma ta' trattament konsistenti u proporzjonat tal-bonds koperti hija essenzjali biex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq mhux intenzjonati. Għalhekk, ikun koerenti li jitnaqqsu r-rekwiżiti tal-kapital għall-bonds koperti kif xieraq. It-tkabbir sostenibbli tas-suq kapitali jista' jinkiseb biss billi jiġu żviluppati ż-żewġ swieq ewlenin, kemm it-titolizzazzjonijiet kif ukoll il-bonds koperti, b'mod parallel, biex b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.